# LUMINARIA

Nru. 141 - Suppliment



# Dun Anton Camilleri

Mużiċista · Kompożitur · Arċipriet · Kanonku · Vigarju Foranju tal-Isqof

## 100 SENA MINN MEWTU

1926 – 18 T'OTTUBRU - 2026



Ippubblikat mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl – in-Nadur b'tifkira fl-ewwel ċentinarju mill-mewt tal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri - 2026

© tal-pubblikazzjoni: Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur – Għawdex
© tal-kitba: Daniel Meilak
© tar-ritratti: miżmum mill-provedituri rispettivi

**Ringrazzjamenti:** Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg, Arkivju Parrokkjali – Nadur, Ivan Attard, Mikea Sammut, Michael Debono, Dr Stanley J. Portelli, Martin Attard

L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma' tista' tiġi riprodotta, merfugħa f'sistemi jew trasmessa taħt l-ebda forma elettronika, mekkanika, ikkuppjata, irrekordjata jew xi modi oħra mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' minn għandu d-drittijiet.

**Disinn u ssettjar:** Rowena Mizzi
**Stampar:** Gozo Press - Għajnsielem

**Stampa tal-Qoxra:** L-Arċipriet il-Kan Anton Camilleri bħala saċerdot żagħżugħ. Dan ir-ritratt deher ukoll fuq is-santa tal-mewt tiegħu fl-1926
**Qoxra ta' wara:** Il-mewt tal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri mniżżla fir-reġistru tal-mewt tal-parroċċa tan-Nadur wara mewtu fit-18 t'Ottubru 1926.

Ftit qabel il-festa ta' San Pietru u San Pawl, fis-6 ta' Ġunju 1897 poġġew żewġ pari jdejn fuq it-tastiera ta' orgni ġdid fjamant li kien għadu kemm wasal fil-Kolleġġjata tan-Nadur mill-Italja. Dakinhar kien preżenti wkoll Pacifico Inzoli, fundatur tal-kumpanija li ġġib ismu li mar apposta n-Nadur għal dan l-avveniment importanti. Iż-żewġ pari jdejn li daqqew l-orgni *a quattro mani* kienu tal-Isqalli Francesco Tartaglia u qassis żgħażugħ Naduri ta' 25 sena l-Kan. Dun Anton Camilleri, Kantur tal-Kolleġġjata l-ġdida.[86]

Fl-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' dan il-qassis, arċipriet u kompiżitur se tinġabar il-ħajja u l-ħidma tiegħu matul l-54 sena tiegħu. Sa issa, l-aktar tliet awturi li kitbu fit-tul dwaru kienu t-tliet saċerdoti: Karm Caruana, Alexander Bonnici u Dumink Camilleri fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Dan kollu se jingħaqad ma' tagħrif ieħor li ħareġ dwaru matul is-snin biex il-ħajja u l-ħidma kollha ta' dan il-bniedem tibqa' magħrufa u apprezzata minna u mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Din il-kitba se tagħti importanza l-aktar lill-oqsma f'ħajjet Dun Anton li fihom sibna xi tagħrif ġdid dwaru, waqt li oqsma oħrajn li diġà nkiteb dwarhom, jinstabu fil-kitbiet imsemmija aktar kmieni u semmejniehom biss b'mod ġenerali.

## Mit-Tfulija sal-Ordinazzjoni Saċerdotali

Meta kien ċkejken lil Dun Anton kienu jsejħulu Toninu. Twieled għad-dell tal-Knisja Matriċi tan-Nadur fir-residenza tal-familja numru 22-23, Strada Parroco (Triq il-Kappillan) nhar il-11 t'Awwissu 1872 u għammdu dakinhar stess il-kappillan Dun Ġwann Battista Grech.[1] Il-parrini kienu zijietu Dun Anton Camilleri u Ġużeppa Camilleri (aħwa ta' missieru). Ingħata l-ismijiet Anton, Leonard u Dumink.[2] Missieru Franġisk Camilleri, imniżżel bħala *bottegaro*[3] jiġifieri kien sid ta' ħanut, kien ġej mill-familja mlaqqma 'ta' Finda'[4] – li kienet bil-mod il-mod qed tistabilixxi ruħha bħala waħda mill-familji influwenti fin-Nadur. Marija


*Id-dar fejn għex l-Arċipiet il-Kan. Anton Camilleri fi Triq il-Kappillan*



*Is-Seminarista Anton Camilleri bħala Rettur tal-Kongregazzjoni Marjana fis-snin 1894-1895*

Meylach, ommu, kienet ġejja mill-familja mlaqqma 'tas-Sink.'[5] Il-familja Camilleri kellha sebat itfal. Fl-4 ta' Mejju 1879 ħa l-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex sa mis-sena 1877 (aktar tard fis-sena 1889 sar Arċisqof ta' Malta) u bħala parrinu kellu lil Dun Salv Vella.[6]

Malta u Għawdex kienu kolonja Brittanika. L-Ingliżi riedu kieku jimbuttaw il-kultura, twemmin u lingwa tagħhom, imma kienu jafu li jekk ikunu nsistenti żżejjed jirrabbjaw lill-poplu li kien wisq influwenzat mill-Knisja Kattolika mmexxija mill-Arċisqof Gejtanu Pace Forno, filwaqt li Għawdex kienu għadu djoċesi relattivament ġdida, imwaqqfa fl-1864 u l-Isqof kien Anton Grech Delicata Testaferrata Cassia. Ftit tax-xhur qabel twieled, il-Qala kellu jkun it-tieni u l-aħħar raħal li nqata' min-Nadur nhar l-20 ta' Frar 1872.[7]

L-edukazzjoni akkademika li rċieva ċ-ċkejken Toninu kienet fl-iskola elementari tal-gvern tan-Nadur li tagħha kien Surmast Dun Salv Vella. Fil-fatt, skont l-*Admission Book* tal-Iskola Elementari tal-Gvern (tas-Subien) tan-Nadur iċ-ċkejken Toninu beda jattendi l-iskola fil-21 ta' Ġunju tas-sena 1876 meta kellu biss tliet snin u se jagħlaq erba' snin. F'Settembru tal-1878 spiċċa l-ewwel klassi u beda jattendi t-tieni klassi. F'Diċembru tal-1881 beda t-tielet klassi u baqa' javvanza. Fejn tfal oħra kienu jitilqu mill-iskola minħabba li jridu jaħdmu, jew jemigraw mal-familja, jew negliġenza jew mard, Toninu kompla u spiċċa mill-iskola tan-Nadur f'Novembru tal-1884. Ir-raġuni mogħtija fl-*Admissions Book* kienet li daħal is-Seminarju.[8] Fl-iskola tan-Nadur kien tgħallem is-suġġetti bażiċi mgħallma dak iż-żmien li kienu t-Taljan, l-Ingliż, il-Malti, l-Aritmetika, il-Kaligrafija, l-Istorja, il-Ġografija u l-Katekiżmu.[9] Fiż-żmien li Toninu kien imur l-iskola kienet ġiet Kummissjoni Rjali Ingliża u Patrick J. Keenan fir-rapport tiegħu (1880) kien insista li l-Ingliż għandu jiġi msaħħaħ. Minn dan iż-żmien 'il quddiem bdiet battalja ta' identità f'Malta, li kienet ġiet miġġielda taħt il-kappa tal-lingwa Taljana versu l-lingwa Ingliża.[10] Huwa probabbli li Toninu kien wieħed mit-tfal li raw lil Keenan dieħel fl-iskola tan-Nadur meta dan żarha.[11]

Huwa f'dan il-kuntest li wieħed irid jieħu t-tfulija u l-adoloxxenza ta' Toninu. Waqt li ta' tifel li kien kellu tfulija ordinarja fl-ambjent ta' raħal Għawdxi ta' dak il-perjodu, huwa kien wieħed mill-ftit li kompla l-iskola. Dak iż-żmien kienu verament ftit li jkomplu l-iskola meta jibdew jitfarfru – min kien se jsir xi professjonist jew qassis. Toninu kellu min jindukrah f'din it-triq la zijuh kien qassis (li kien jismu wkoll Dun Anton Camilleri, ħu missieru). Mhux hu biss, iżda anke ħutu komplew l-iskola u laħqu: Angela kienet laħqet anke Kap ta' Skola u Gorġina daħlet soru.

Matul is-snin li fihom kien jattendi l-iskola tan-Nadur, Toninu seta' jesperjenza dak li kien għaddej fir-raħal li fih kien qed jitrabba, jiġifieri n-Nadur. Is-snin 70 tas-seklu dsatax raw ċerta attività fil-parroċċa u fir-raħal. Ibda biex, il-kappillan Dun Ġwann Battista Grech kien safa akkużat u sospiż fis-sena 1876. Kienu xehdu kontrih parruċċani stess.[12] Xi snin qabel kien fil-mira wkoll ta' attentat fuq ħajtu (jew fuq ħajjet is-servjenta tiegħu) meta nhar is-6 ta' Frar 1872 fis-1.15am xi ħadd spara tir fit-tieqa tad-Dar tal-Kappillan li fiha kien jgħix il-kappillan Grech, li kienet f'dik li llum hi Triq Dun Bernard Haber, faċċata ta' Triq il-Kappillan u allura faċċata tad-dar li fiha kien jgħix Toninu ma' familtu.[13] L-istorja ta' dan l-episodju għad trid tinkiteb mill-ġdid u l-involviment ta' dawk li kienu qed irewħu wara dan l-inkwiet kollu għad trid toħroġ. Fl-1881 Grech ħareġ illiberat minn dawn l-akkużi kontrih u dikjarat innoċenti.

F'dawn is-snin tat-tfulija ta' Toninu, fejn nistħajlu li kien abbati u midħla tal-knisja ma' djul zijuh il-qassis, il-parroċċa bdiet tiġi mmexxija mill-Vigarju-Kurat Dun Salv Vella (mhux is-Surmast tal-iskola) fl-essenza tal-kappillan Grech li kien sospiż. F'dan iż-żmien kien ġie maħdum arloġġ mekkaniku minn Mikelanġ Sapiano u ġie mpoġġi fil-kampnar tat-Tramuntana li kien għadu kemm ġie mibni ġdid fjamant ftit tas-snin qabel. Il-parruċċani issa kellhom arloġġ pubbliku li seta' jirregolalhom il-ħin u t-tqassim tal-ġurnata tagħhom għaliex arloġġi fid-djar ma kienx hawn, taqta' xi eċċezzjonijiet. Dan sar fis-sena 1877 u minn hemm 'il quddiem bdew it-tokki tal-arloġġ kull kwarta.



L'Arciprete D. Giovanni Camilleri, il Sac: D. Antonio Camilleri, il Diacono D. Antonio Camilleri, ed il Suddiacono D. Martino Camilleri pregano la S. V. R. a volerli onorare di Sua presenza nella S. Insigne Matrice Colleggiata ed Arcipretale Chiesa del Nadur, domenica 19 Maggio, alle ore 3. 30. p.m., ove saranno immessi nel Possesso rispettivo di Arciprete, Decano, Cantore e Tesoriere.

La S. V. R. è pregata di onorarli dopo nella casa dell'Arciprete.

Nadur Gozo, Maggio 1895.

R. S. V. P.

*Invit tal-Pussess tal-Ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata l-ġdida tan-Nadur fl-1895.*

Fis-sena 1881 kien ġie n-Nadur Dun Ġwann Camilleri bħala kappillan waqt li Dun Ġwann Battista Grech mar ix-Xagħra. Ta' tifel li kien, Toninu ra l-miġja tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl tasal fin-Nadur minn Marsilja fl-1882, u damask ġdid li nxtara għall-knisja fl-istess sena. Ra wkoll Dar tal-Kappillan ġdida tinbena biswit dik li kien jgħix fiha Grech, u li llum hija Mużew Marittimu. Kien żmien ukoll li l-festa bdiet tikber. Apparti li nġabet l-istatwa titulari, kienu qed jinġabu baned rinomati, anke Maltin u jintrama palk apposta, aktar illuminazzjoni tal-knisja u l-madwar, aktar mużika elaborata fil-knisja u affarijiet oħrajn.[14]

Aktar kmieni ktibt li Toninu ħareġ mill-Iskola Elementari tan-Nadur fl-1884 biex jidħol is-Seminarju. Jidher li ddeċieda li jsir saċerdot ta' età żgħira ħafna. Infatti ta' erbatax-il sena kien diġà ħa l-ewwel ordnijiet minuri. Fis-16 t'Ottubru 1886 ħa t-tonsura fil-kappella tal-Palazz tal-Isqof u fit-18 t'Ottubru tal-istess sena ħa l-Ostjarjat fil-Katidral t'Għawdex. Kien fl-istess Katidral ta' Santa Marija Assunta li rċieva l-ordnijiet l-oħrajn: il-Lettorat fit-30 ta' Novembru 1887 u l-Eżorċistat fit-22 ta' Diċembru 1888. Billi fl-1889 Pace kien inħatar Isqof ta' Malta, l-ordnijiet l-oħrajn iċevihom minn idejn l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. Ġwanni Marija Camilleri fil-Katidral: l-Akkolitat fil-21 ta' Diċembru 1889 u s-Suddjakonat fit-23 ta' Diċembru 1893.[15]

Mela Toninu kien wasal issa fuq l-għatba tal-Ordinazzjoni Djakonali. Iżda skont il-Liġi Kanonika huwa ma setax isir djaknu qabel jagħlaq 24 sena. Huwa kien għad għandu biss 22 sena. Għalhekk inħarġet dispensa mill-Papa Ljun XIII nhar is-17 t'Awwissu 1894. Ġie ordnat djaknu mill-Isqof Camilleri fil-Katidral nhar it-22 ta' Diċembru 1894. Insibu wkoll li bejn l-1894 u l-1895 Toninu kien Prefett tal-Kongregazzjoni Marjana fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Fiż-żmien ta' bejn meta sar djaknu u mbagħad qassis ftit tax-xhur wara, fil-parroċċa tan-Nadur kien hemm żvilupp importanti.[16]

Dun Ġwann Camilleri kien l-ewwel kappillan tan-Nadur li kien mill-istess raħal sa mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1688. Huwa ħa l-pussess tal-parroċċa nhar it-3 ta' Marzu 1881 u ħadem bis-sħiħ għall-parroċċa ta' raħal twelidu. Kien hemm sforzi ħalli l-knisja Matriċi tan-Nadur tkompli żżid mal-preġju tagħha. Nhar id-19 ta' Diċembru 1893 din saret Arċipretali u għalhekk Dun Ġwann Camilleri nhar l-1 ta' Jannar 1894 irreżinja minn kappillan biex ħa l-pussess bħala Arċipriet tan-Nadur.[17] Iżda dan ma kienx biżżejjed. Wara ħafna sforzi u trattattivi ma' Ruma, il-knisja Matriċi u Arċipretali tan-Nadur ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata Nsinji nhar id-19 ta' Settembru 1894,[18] it-tielet waħda ta' Għawdex wara l-Katidral u l-Kolleġġjata tal-Għarb. Dan witta t-triq sabiex anke dik tax-Xagħra takkwista l-istess dinjità ftit tas-snin wara.

Dan kien ifisser li issa riedu jiġu stabbiliti l-kanonikati. Għall-bidu kienu sitta li erba' minnhom ikunu dinjitajiet. Ftit qabel ħarġet il-bolla, ġie ffirmat il-kuntratt li permezz tiegħu ġew mwaqqfa dawn il-kanonikati u fih naraw lil Dun Anton Camilleri, iz-ziju ta' Toninu, bħala wieħed mill-firmatarji.[19] Nhar id-19 ta' Mejju 1895 il-Vigarju Ġenerali Mons. Mikelanġ Refalo ta l-pussess lill-ewwel kanonċi li kienu: il-Kan. Dun Ġwann Camilleri, Arċipriet; il-Kan. Dun Anton Camilleri (il-kbir), Dekan; il-Kan. Djaknu Anton Camilleri (iż-żgħir), Kantur; il-Kan. Suddjaknu Martin Camilleri,

Teżorier. Kif wieħed jista' jara, dawn l-erba' kienu kollha kunjomhom Camilleri u ġejjin minn żewġ familji: Dun Ġwann kien iż-ziju ta' Dun Martin waqt li Dun Anton (il-kbir) kien iz-ziju tad-Djaknu Anton (iż-żgħir) u tnejn minnhom, jiġifieri Martinu u Toninu lanqas kienu ordnati saċerdoti (aktar tard saru Arċiprieti tan-Nadur it-tnejn li huma).[20]

Sabiex kanonku jkun jista' jgħix u jmantni lilu nnifsu materjalment, kien ikun hemm bżonn ta' dħul finanzjarju. Għal dan il-għan kienet tiġi stabbilita l-prebenda meta jitwaqqaf il-kanonikat il-ġdid. Din kienet sors ta' fondi, normalment artijiet li kienu jinkrew lil bdiewa jew djar lil min jixtieq jikri dar sabiex mir-renti li jidħlu jkun jista' jgħix il-qassis jew kanonku. Il-kanonikat tal-Kantur twaqqaf minn Franġisk u Marija Camilleri u allura l-ewwel okkupant tiegħu kellu jkun binhom id-Djaknu Anton Camilleri. Il-prebenda tal-Kantur Toninu Camilleri kellha tkun tkopri kapital ta' £15 bl-interess ta' 3.5% u żewġ ġonna fil-limiti tan-Nadur fi Triq il-Qala magħrufin bħala 'Tal-Beżżul' jew 'Ta' Ħatar'. Wieħed minnhom kellu kejl ta' tomna, siegħ u ħames kejliet, imiss fil-Lvant mal-beni ta' Tereża, armla ta' Mikieli Camilleri, fil-Punent mal-beni tal-eredi ta' Ġużepp Vella, fit-Tramuntana jmiss mat-triq u l-ġnien l-ieħor jikkonsisti fi tliet qatgħat, kejl ta' tomna, siegħ u erba' kejliet, fil-Lvant imiss mal-beni ta' Pawlu Camilleri, fil-Punent mal-beni ta' Tereża, armla ta' Mikieli Camilleri u fit-Tramuntana mat-triq. Dawn kienu franki, bla piż jew servitù u ġew stmati li jrendu £6 oħra fis-sena f'kera, skont stima li provda l-Perit Mikiel Cassar. Dan kellu jkun id-dħul tal-Kantur li jibda mid-Djaknu Toninu u jgħaddi għand is-suċċessuri tiegħu. Il-kuntratt ġie magħmul fl-20 t'April 1895 quddiem in-Nutar Dr Giovanni Refalo u flimkien ma' Marija Camilleri u l-Arċipriet l-Kan. Ġwann Camilleri kien hemm Dun Pawl Manueli u Saverju Attard li ffirmaw bħala xhieda.[21] Zijuh Karmnu Meilak (benefattur kbir tal-parroċċa) kien xtralu l-Virga li jġorr il-Kantur u din għaddiet għand is-suċċessuri tiegħu sal-ġurnata tal-lum.[22]


RICORDO
DELLA FAUSTISSIMA OCCORRENZA
IN CUI
IL NOVELLO SACERDOTE
CAN: CANT: ANTONIO CAMILLERI
OFFERIVA LA PRIMA VOLTA
L'INCRUENTO SACRIFICIO
NELLA S. INS. COLLEGIATA
PAR. E MATR. CHIESA
DEL NADUR
IL GIORNO XXVI DI DICEMBRE
DEL MDCCCXCV.

*Santa tal-Ewwel Quddiesa Solenni tal-Kan. Anton Camilleri fis-26 ta' Diċembru 1895*

Id-Djaknu Anton jew Toninu Camilleri ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġwanni Maria Camilleri O.E.S.A. fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-21 ta' Diċembru 1895. Miegħu ġie ordnat saċerdot ieħor min-Nadur li kien Dun Damjan Camilleri. Is-saċerdot novell, diġà kanonku qabel sar saċerdot,



*Il-Kan. Anton Camilleri flimkien mal-Arċipriet Martin Camilleri, Francesco Saverio Sciortino u Dun Ġużepp Haber*



*Il-Kan. Anton Camilleri (it-tielet mix-xellug bilwieqfa) ħdejn Dun Ġużepp Haber u l-Arċipriet Martin Camilleri*

iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kolleġġjata tan-Nadur nhar is-26 ta' Diċembru 1895. Il-paniġierku tal-okkażjoni għamilulu Mons. Ġużepp Farrugia ('tal-Vers'), li kien Kanonku Teologu tal-Katidral. Minkejja li r-raġuni vera għalfejn kien Farrugia li għamel il-paniġierku mhix espliċitament miktuba, ir-rabta mużikali bejn iż-żewġ figuri toħroġ bla ebda sforz żejjed. Farrugia kien eżattament għoxrin sena akbar minn Camilleri fl-età u miet biss sena qablu fl-1925.[23] Din ir-rabta se tidher aktar 'il quddiem f'din il-kitba.


LILL MAHBUB ARCIPRIET
tghana
CAÑCO. CANT. DUN ANTONIO CAMILLERI
Mahbub Missier
tghana

Il chira tieba tighec u li straordinariu zelu li bih tinsab imżejjen il progress spirituali u temporali tal ghaziż pajjiżna u tal mahbub Museu tghana gialuc f'edina l'ghodua tumilia tant sabiex illi tirvavorina bil presenza tighec, illi fiha ahna ucol seirin nuruc l'gholia sentimenti tal kalb tghana versu lec, illi din l'occasioni tal festa tal pussess, illi ftit granet ilu iffesteggiaina toffailna.
Mahbub Missier tghana ahna bil wisk cuntenti ghax it-tajjeb Alla offrilna din l'occasioni illum illi ippresentaina xihna kuddiemec u ech ucoll flimchien nistghou nirringraziauc mill imhabba li ighed turi versu lina, li fill wakt li id-dinja tinsab imxeuxa colla contra tghana, Inti fis-silenziu ticcumbatti ghalina, u thallina incomplu fil quiet ir-regolamenti tghana, illi taht il protezioni ta S. Guan Battista u ta S. Michiel Arcanglu, il Museu ighed jghamel progressi char. Ha vern u nistharruh kuddiem

*Messaġġ li nqara fl-ewwel żjara ta' Dun Anton Camilleri bħala Arċipriet tan-Nadur fl-1922*

## Qassis - Kanonku-Kantur – Arċipriet – Vigarju Foranju tal-Isqof

Is-snin tas-saċerdozju tiegħu qattagħhom jaħdem fil-parroċċa tan-Nadur. Kien ħabrieki f'xogħolu, ta' sabar tal-għaġeb u dejjem bid-daħka f'fommu li turi l-paċi ta' qalbu – hekk jiddeskrivieh Robert Mifsud Bonnici fil-kitba tiegħu kwotata minn Karm Caruana.[24] Ismu bħala saċerdot jidher għall-ewwel darba fl-atti tal-ewwel Viżta Pastorali fil-Kolleġġjata l-ġdida nhar it-12 ta' Jannar 1896.[25] It-tagħrif dwar il-ħidma tiegħu fin-Nadur sa qabel sar Arċipriet hija pjuttost skarsa. Nafu li kien wieħed mill-predikaturi tal-Missjoni Djoċesana. Din kienet tiġi organizzata fuq ammont ta' ġranet f'xi parroċċa partikulari, fejn isiru ammont ta' prietki apposta. Dik tal-1900 kienet ġiet organizzata fil-parroċċi tan-Nadur u l-Qala u ngħad li dawn iż-żewġ parroċċi kienu ta' eżempju għall-mod kif ikkollaboraw bejniethom biex organizzaw din il-missjoni. Il-kappillan tal-Qala Dun Ġwann Saliba kien jitla' n-Nadur mal-parruċċani kull filgħodu u filgħaxija biex jisimgħu dawn il-prietki. L-Arċipriet tan-Nadur ġie mfaħħar għal kemm dar bil-predikaturi tal-missjoni. Il-konklużjoni ta' din il-missjoni saret f'quddiesa mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni M. Camilleri OESA fit-28 ta' Jannar 1900.[26] Li Dun Anton kien mogħti għall-predikazzjoni huwa msaħħaħ mill-ammont imdaqqas ta' kotba ta' natura teoloġika u spiritwali li kien hemm fid-dar tiegħu sa dan l-aħħar żmien. Dawn illum jinsabu kkonservati.

Għal Dun Anton, il-kant fil-liturġija kien importanti ħafna u bħala saċerdot ħadem sabiex dan isir b'mod tajjeb u dinjituż. Nafu li fl-1913 meta saret l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur, il-kor tal-parroċċa li kien twaqqaf minn Dun Anton innifsu kien ħa sehem.[27] Huwa ħadem ma' żewġ Arċiprieti differenti meta kien saċerdot: il-Kan. Dun Ġwann Camilleri u l-Kan. Martin Camilleri. Jidher li Dun Anton kien ta' appoġġ u sostenn kbir għal dan tal-aħħar, kemm meta kien għadu saċerdot u qed imexxi l-proġett tat-tkabbir tal-knisja li beda fl-1906-1907 u aktar u aktar meta dan sar arċipriet fl-1910. Matul il-parrokat tal-Kan. Martin Camilleri, jiġifieri bejn l-1910 u l-1921, Dun Anton insibuh jassistih fejn ikun hemm bżonn. Biżżejjed naraw ir-ritratti ta' meta l-Kolleġġjata tan-Nadur kienet qed titkabbar u tissebbaħ fejn Dun Anton jidher ħdejn l-Arċipriet Dun Martin. Dan ma kienx proġett faċli. Fuq inizzjattiva tal-Kan. Martin Camilleri, u bil-ħidma ta' artisti tajbin, fosthom Francesco Saverio Sciortino, Lazzaro Pisani u Pio Cellini, fl-1915 ġie inawgurat il-proġett estensiv li sar fuq il-Kolleġġjata tan-Nadur, li għalih anke Dun Anton kellu merti, fost oħrajn.

Il-ħidma ta' Dun Anton bħala saċerdot żgur li kienet ukoll involuta fit-twaqqif tas-Soċjetà tal-Museum fin-Nadur, meta fetħet il-fergħa tal-bniet fl-1915, madwar tmien snin biss wara t-twaqqif tiegħu f'Malta. Il-familja ta' Dun Anton kellha sehem kbir f'dan, kif ukoll fis-snin u d-deċennji li ġew wara, speċjalment ħutu Rakela u Angela Camilleri. Bil-kollaborazzjoni tal-Arċipriet Dun Martin, kien infetaħ dan il-qasam li tiegħu Pawla Grech (1891-1979) kellha tkun l-ewwel superjura, waqt li Rakela Camilleri ġiet imsejħa superjura għal Għawdex.[28] Dan ma kienx b'kumbinazzjoni. Kien permezz tal-kuntatt li Rakela Camilleri u Pawla Grech iffurmaw mal-Museum u anke mal-fundatur San Ġorġ Preca, kuntatt li baqa' jinżamm minn Rakela b'diversi ittri lil Dun Ġorġ. Nafu

li Dun Ġorġ anke żar lin-Nadur diversi drabi u kien jiġi milqugħ u ospitat fid-dar ta' Rakela u Dun Anton. Meta, aktar tard Dun Anton sab ruħu magħżul bħala Arċipriet tan-Nadur u mar iżurhom, is-soċji tal-Museum tal-bniet kitbulu messaġġ affettiv ħafna bħala ulied lil missierhom u talbuh ma jinsiehomx, imma jżurhom u jsostnihom bħala ragħaj tagħhom. Fost dak li qalulu nsibu hekk:

*Aċċetta fl-aħħarnett ir-ringrazzjamenti tagħna, għall-imħabba li inti wrejt a benefiċċju tal-Mużew; l-ewwelnett illi reġġajtilna fil-Mużew id-Duttrina li kienet ġiet fix-xejn u hekk nistgħu nkomplu l-fini tal-Kump[anija] 'li ngħinu r-Rgħajja tal-erwieħ.' It-tieni li ħallejtna nkomplu fil-kwiet ir-regolamenti kollha tagħna, u hekk żgur li l-ispirtu tagħna ma jibridx, anzi jinxtgħel kuljum bl-imħabba lejn Alla, li tant ħabbna li tefgħana ġewwa din il-Kumpanija. U ibqa' żgur Maħbub Missier tagħna, li dan jibqa' tifkira tiegħek sabiex ismek fostna qatt ma jintesa, u kull x'ħin nidħlu fil-Mużew nirringrazzjaw u nfaħħru lis-Sema illi ipprovdilna Missier hekk ħanin u żelanti bħalek.*[29]

Saħħet l-Arċipriet Martin Camilleri kienet ħadet daqqa lura meta dan marad waqt il-pandemija tal-Influwenza Spanjola fl-1919. F'Jannar tal-1921, l-Arċipriet ittieħed fl-isptar tal-Blue Sisters f'San Ġiljan f'Malta u billi dan il-perjodu kien se jtul, allura fil-31 ta' Marzu 1921 ġie appuntat Vigarju-Kurat li jieħu f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa fl-assenza tal-Arċipriet. Dan ma kien ħadd għajr il-Kan. Anton Camilleri nnifsu. Minn issa 'l quddiem it-tmexxija tal-parroċċa kellha tkun effettivament f'idejn Dun Anton. Mill-isptar ma ħariġx iżjed l-Arċipriet. Miet nhar it-8 ta' Settembru 1921.[30] Dun Anton kiteb eloġju għal dan il-bniedem kbir li kien ta' ġid kbir għan-Nadur, mhux biss fil-livell spiritwali, imma wkoll fil-qasam kulturali, artistiku u soċjali.[31] Fil-fatt, Dun Anton kien anke l-esekutur tat-testment tal-Arċipriet Martin.[32] L-Arċipretura tan-Nadur issa kienet sfat vakanti. Dan kien iż-żmien fejn Malta kienet qed tirkupra bil-mod il-mod mis-sitwazzjoni ta' tensjoni li ġabu magħhom is-snin ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija li f'Malta kienu kkulminaw fl-irvell tas-Sette Giugno fl-1919. Fil-fatt, is-sena 1921 kienet sena importanti għax fiha Malta ngħatat l-ewwel Gvern Responsabbli tagħha – tappa importanti fil-mixja tan-nazzjon li wasslitu għas-sovranità ta' stat indipendenti fl-1964.

Fl-10 ta' Frar 1922 inħareġ editt sabiex min xtaq isir l-Arċipriet tan-Nadur, ikun jista' jressaq ismu u japplika. Għal dan il-konkors kienu applikaw tnejn: il-Kan. Kantur Anton Camilleri li kien preżentament il-Vigarju-Kurat tal-parroċċa u l-Kan. Martin Camilleri (mhux l-arċipriet, naturalment).[33] L-Isqof Camilleri finalment għażel lil Dun Anton bħala t-tielet Arċipriet tan-Nadur. Il-pussess ħadu fil-Kolleġġjata tan-Nadur nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju 1922. Kienet l-ewwel ġurnata tat-tridu tal-festa u Camilleri kellu 50 sena. Huwa kien sena akbar fl-età mill-Arċipriet ta' qablu Dun Martin. Dun Martin Camilleri, li kien applika ma' Dun Anton għall-konkors, kien ħa post Dun Anton bħala Kantur tal-Kolleġġjata u sar il-Viċi tiegħu fit-tmexxija tal-parroċċa.[34]

Il-parrokat ta' Dun Anton kien wieħed qasir – it-tieni l-iqsar parrokat fl-istorja tal-parroċċa sa mis-sena 1689. Iqsar minnu kien hemm biss dak ta' Dun Injazju Hagius li dam biss madwar sentejn bejn l-1706 u l-1708. Matulu, l-Arċipriet Dun Anton kompla fuq dak li kien bena l-Arċipriet ta' qablu Dun Martin. Il-parroċċa kienet qed tkompli tikber fil-popolazzjoni, li issa kienet laħqet it-

3,600 ruħ. Fir-relazzjoni li kull sena kien iressaq lejn il-Kurja, l-Isqof kien jagħtih xi pariri kif jista' jġib il-parroċċa 'l quddiem, imma mill-kummenti li ħallew l-isqfijiet, jidher li dawn kellhom stima tajba ta' Dun Anton. Fis-sena 1924 id-Djoċesi ta' Għawdex kellha isqof ġdid. Wara episkopat ta' 35 sena l-Isqof Camilleri rriżenja u l-Papa Piju XI appunta lil Mons. Mikiel Gonzi bħala l-ħames isqof ta' Għawdex.

## L-Aspett Pastorali

Kien ragħaj li prova jqarreb il-merħla fdata f'idejh lejn il-Knisja. Meta fir-relazzjoni tas-sena 1922 kellu jirraporta lill-isqof li kellu erba' familji fil-parroċċa tiegħu li kienu sseparaw, huwa deher mikdud li ma rnexxilux jgħaqqadhom lura flimkien. Ir-raġunijiet li ta kienu: adulterju, karattri li ma jaqblux, u raġel li abbanduna lil martu u telaq jgħix Malta. Dwar it-tqarbin, fil-Kolleġġjata u fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù kienu tqarbnu 123,800, waqt li tliet persuni ma kinux qed jitqarbnu. Fis-sena 1923 l-ammont ta' tqarbin tela' għal 138,900. Fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù kien qed isir madwar terz tat-tqarbin fil-parroċċa, u dan jindika kemm din il-knisja kienet maħbuba u qed tiġi wżata.



*Il-Kan. Anton Camilleri bħala Arċipriet tan-Nadur (1922-1926)*

Dun Anton kien jaħseb biex jipprovdi okkażjonijiet għall-qrar u kien iġib konfessuri li kienu l-patrijiet Kapuċċini kif ukoll jaħseb għall-predikaturi għar-Randan, li kienu wkoll joffru servizz tal-qrar. Nafu li f'dan iż-żmien il-Kwaranturi kienu diġà qed isiru nhar it-30 u 31 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar. Kien jagħti importanza lill-*Ora Santa*, l-adorazzjoni tal-Ewkaristija u kien jinkedd meta ma kienx jara daqshekk parteċipazzjoni fiha. Dun Anton Falzon nafu li kien jiġbor ukoll grupp ta' rġiel u jagħmlu *Ora Santa* fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù.[35]

Ta importanza lid-duttrina u nafu li fl-Oratorju (li kien flok iċ-Ċentru Parrokkjali tal-lum) kienu qed jinġabru tfal u żgħażagħ biex jieħdu tagħlim nisrani. Dan kien beda jissejjaħ *Domus*. Kien hemm diversi saċerdoti li kienu jgħinu f'dan. Peress li dawn kienu subien biss, u l-Isqof jidher li ma kienx kuntent li d-duttrina tal-bniet titħalla f'idejn tal-Museum biss għaliex kien hemm bniet li ma jmorrux Museum u allura jibqgħu b'xejn, l-Arċipiret kien fissirlu kif ta lis-sorijiet l-għajnuniet ħalli jgħallmu.[36]

Fi żmien il-parrokat ta' Dun Anton jidher li kien sar xi tentattiv biex jitwaqqaf Qasam tal-Museum tas-subien, wara li dak tal-bniet twaqqaf fl-1915. Hawnhekk jidher li kien hawn l-id ta' Rakela Camilleri u l-Arċipriet innifsu. Fl-Arkivju tal-Parroċċa hemm ikkonservat pitazz li jġib is-sena 1924 u fuq il-faċċata tiegħu hemm miktub b'ittri kbar M.U.S.E.U.M, waqt li fih hemm miktubin l-ismijiet tat-tfal subien u xi talb u regoli li kellu dan il-museum. Jidher li responsabbli ta' dan kien hemm il-Kan. Ġwann Portelli mlaqqam 'ta' Pawla' - kuġin tal-Arċipriet u Rakela - u aktarx kien evolviment tad-Domus imsemmi aktar 'il fuq. Dan jissaħħaħ mir-*Relazione* li l-Arċipriet kien jibgħat lill-Isqof kull sena fejn fl-1922 kiteb ċar u tond li fil-parroċċa kien hemm MUSEUM jew Domus għall-ġuvintur.[37] Prova oħra ta' dan it-tentattiv kien li xi snin wara Dun Ġorġ innifsu fl-1928 jgħid lil Rakela biex tgħin lill-Museum tas-subien u fl-1929 jgħidilha biex tagħti lira lill-qasam tas-subien.[38] Kien x'kien, dan il-museum tas-subien ma saddadx u ntemm fis-snin ta' wara, biex imbagħad reġa' beda immedjatament wara t-Tieni Gwerra Mondjali fl-1945.[39]

Fi żmien Dun Anton tlestiet l-Awla Kapitulari sabiex fiha jinżammu l-laqgħat tal-Kapitlu. Fuq insistenza tal-Isqof innifsu, sar armarju sabiex fih jintrefa' l-arkivju tal-Kolleġġjata u tal-Parroċċa. Kien fis-sena 1923 li l-Arkivju Parrokkjali ġie mneħħi mis-sagristija u meħud f'dan l-armarju fl-Awla Kapitulari. Dan baqa' hemm sakemm fl-ewwel snin tal-1980ijiet tniżżel kollu fl-Uffiċċju Parrokkjali.[40]

Pastoralment, minħabba li n-Nadur kien fost l-akbar parroċċi f'Għawdex u kellu l-isfidi speċifiċi tiegħu. Kontra parroċċi kbar oħra, bħalma kienet dik tax-Xagħra, in-Nadur kellu tliet knejjes fil-qalba, iżda l-ebda waħda fil-periferiji. Fil-bidu tas-sena 1924 sar ħsieb sabiex tinbena knisja ċkejkna f'San Blas, qabel mat-triq tinqasam u fergħa tmur lejn Wied ir-Riħan. Sar rikors lill-Isqof Camilleri u ġiet preżentata pjanta mill-Perit Arturo Bondì. Din iżda baqgħet fuq il-karta u qatt ma saret realtà.[41]

Sa minn żmien Dun Martin Camilleri, l-Arċipriet tan-Nadur kien jaġixxi wkoll bħala Vigarju-Foranju għal-Lvant ta' Għawdex li jinkludi n-Nadur, il-Qala, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna. Xogħol il-Vigarju Foranju kien li jirrapreżenta lill-Isqof f'xi naħa tad-Djoċesi partikulari. Dan l-irwol kien jinvolvi li l-Arċipriet jagħmel żjarat f'dawn l-inħawi sabiex jara xi tkun il-qagħda tagħhom u jżomm kuntatt mal-Isqof Djoċesan, kif ukoll jippreżentalu r-rapporti taż-żjarat li jkun għamel.[42]

## L-Aspett Soċjali

Fuq il-livell soċjali wkoll ħadem u stinka. Peress li l-Arċipriet kien jgħix fid-dar privata tiegħu, Triq il-Kappillan, huwa ta xi kmamar mid-dar parrokkjali vojta lis-sorijiet sabiex ikunu jistgħu jgħallmu xi ftit skola lil tfal bniet li jkunu tfarfru xi ftit.[43] Dan jidher li ma kienx biss tagħlim reliġjuż, imma anke tagħlim ta' ħiliet oħrajn. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1919) l-emigrazzjoni ta' Maltin 'l barra minn xtuthom bdiet iżżid. Fil-fatt, fis-sena 1923 il-gvern kien fetaħ skola ta' filgħaxija sabiex iżid ftit il-livell ta' edukazzjoni f'dawk li jkunu se jemigraw ħalli jkunu f'pożizzjoni aħjar li jirnexxu. Dan naturalment naqqas l-attendenza fid-duttrina li kien qed joffri d-Domus fl-Oratorju filgħaxija, għax il-ħinijiet kienu l-istess.[44] Fis-sena 1925 flimkien mal-kappillani u l-arċiprieti ta' Għawdex ta s-sehem tiegħu biex jitwaqqaf l-Orfanatrofju għat-tfal subien f'Għajnsielem.

Il-festa titulari ta' żmien Dun Anton Camilleri bħala Arċipriet, jiġifieri bejn l-1922 u l-1926 kompliet tikber u tissaħħaħ. Il-baned l-aktar mistiedna kienu jkunu dik ta' San Ġorġ ta' Bormla u dik tal-Mellieħa.[45] Għas-sena 1926 ġiet għall-ewwel darba l-banda Sant'Elena ta' Birkirkara li kienet twaqqfet fis-sena 1919. Il-mużika ta' ġewwa ma baqgħetx titmexxa minn Mro Carlo Diacono u floku daħal Mro Giuseppe Caruana li miegħu kien iġib l-orkestra minn Malta.[46]

Festi oħrajn baqgħu jiġu wkoll iċċelebrati. Ta' dettall interessanti hija l-festa ta' San Koronatu li saret fis-sena 1925 b'mistieden speċjali l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi li mexxa l-Pontifikal.[47] Għal din il-festa ġiet mistiedna l-Banda tal-Pulizija biex tagħmel marċ mat-toroq prinċipali tan-Nadur. Din l-istedina kienet saret wara laqgħa li kien hemm mal-On. Prof. Carlo Mallia – Ministru tal-Ġustizzja u l-On. Dr Enrico Mizzi – Kap tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista u Ministru għas-Servizzi Postali, Agrikultura, Sajd, Industrija u Kummerċ. Dawn il-Ministri kellhom jattendu wkoll għal din il-festa u l-Arċipriet Anton kien diġà kkummissjona pranzu għal 43 ruħ għal din l-okkażjoni. Imma minħabba l-maltemp kollox tar mar-riħ![48]

## L-aspett artistiku u kulturali

Il-proġett li mexxa l-Arċipriet Dun Martin li fuq disinn ta' Francesco Saverio Sciortino wassal għat-tkabbir u t-tisbieħ tal-Kolleġġjata tan-Nadur kien laħaq il-milja tiegħu fl-1915 meta ġiet inawgurata l-koppla. Iżda mbagħad kien imiss ħafna aktar dekorazzjoni fuq in-naħa ta' ġewwa

tal-knisja. Dun Martin kien diġà ħa ħsieb li jinġabu xi twieqi kkuluriti (*stained glass*) u Dun Anton ġab xi oħrajn fosthom dawk ta' San Pietru u San Pawl li jinsabu fil-kor u li waslu fl-1926, filwaqt li Lazzaro Pisani u Pio Cellini, flimkien ma skulturi oħrajn kienu qed jieħdu ħsieb il-pittura u l-iskultura rispettivament. Iżda wara l-mewt ta' Dun Martin f'età bikrija, issa t-treġija tal-proġett għaddiet f'idejn l-Arċipriet Dun Anton.

Iżda Dun Anton kellu l-inkwiet dwar dan u l-proġett kien prattikament twaqqaf matul il-parrokat tiegħu, dan minkejja xi xogħolijiet żgħar li kienu baqgħu għaddejjin. Hawnhekk kien qed jaħdem ħafna l-kuġin tiegħu Dun Ġwann Portelli li kien il-prokuratur tal-knisja. Waqt li Pisani kellu jkompli l-pittura fil-knisja, il-fondi kienu nieqsa, problema li Dun Anton wiret mingħand il-predeċessur tiegħu. Saret ħidma sabiex jinstabu benefatturi għal dan.

Dun Anton ma jidhirx li xtaq ikompli mat-temi magħżula mill-Arċipriet ta' qablu Dun Martin. Lazzaro Pisani kien għadu qed jagħti l-pariri tiegħu ta' x'jista' jsir. Kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-pittura fin-navati. Kien hemm min xtaq li jkunu kollha marbuta ma' San Pietru fuq naħa u San Pawl fuq oħra. Kien hemm min xtaq li jkun hemm pitturi fil-peduċċi tal-kopletti u kien hemm min prefera skultura li kienet diġà mibdija u fil-fatt il-kappella ta' San Martin kienet lesta bl-iskultura. Min-naħa tiegħu Pisani kien favur li jsiru l-pitturi, iżda Dun Ġużepp Haber u oħrajn preferew skultura.

L-affarijiet kienu qed jieħdu fit-tul. Il-parrokat ta' Dun Anton kien wieħed qasir. Fid-29 ta' Settembru 1926 tliet ġimgħat biss qabel ma miet, Camilleri informa lill-Kapitlu li l-Isqof Gonzi wara li ħa parir mingħand Francesco Saverio Sciortino, kien iddeċieda li kellha ssir il-pittura. Dan witta t-triq biex tingħeleb din il-problema, xi ħaġa li ma kellux jaraha Dun Anton f'ħajtu u li kellha titkompla mis-suċċessur tiegħu l-Arċipriet il-Kan. Ġużepp Cassar.[49]

Minkejja dan, fi żmien l-Arċipriet Dun Anton kienet saret Ġilandra għall-Ewkaristija mill-isbaħ fis-sena 1924. Din tħallset minn Salvu Muscat u kienet it-tieni l-akbar ġilandra wara dik li kienet saret fis-seklu dsatax.[50] Illum tinsab ikkonservata fil-mużew tal-parroċċa. Marbut mal-Ewkaristija wkoll sar Baldakkin ġdid fl-1925.[51] Biex ordnah kien mar Malta flimkien ma' Dun Ġużepp Gatt għand is-sorijiet tal-Karità ta' San Vinċenz De Paul, il-Ħamrun li kienu se jaħdmuh. Dan tħallas minn Roża Tonna. Flimkien miegħu saret ukoll l-umbrella tas-sagrament.[52]

## Mużiċista u Kompożitur

Huwa ferm probabbli li Toninu kien qed jiġi mħarreġ fil-mużika sa minn età ċkejkna ħafna. Zijuh Dun Anton Camilleri, ħu missieru, kien mużiċista u minbarra li kien jieħu ħsieb il-mużika fil-knisja tan-Nadur f'xi okkażjoni, kien anke jmur idoqq Għajnsielem. Għas-snin 1875-1876 insibu




*Możika minn tal-Kan Anton Camilleri. Ritratt - Martin Attard*

li kien idoqq in-Nadur għal lejliet il-Milied, xi ħaġa li għad nerġgħu niltaqgħu magħha fil-każ ta' neputih.[53]

Għandna ħjiel ukoll li meta Toninu kien is-Seminarju, jiġifieri bejn is-snin 1884 u 1895 ġie mħarreġ fil-mużika minn Antonio Calleja (1840-1901).[54] Calleja fil-fatt kien għalliem tal-mużika fis-Seminarju t'Għawdex, kantant baxx u Maestro di Cappella f'diversi knejjes Għawdxin u kkompona diversi biċċiet mużikali.[55] Il-vuċi baxxa tiegħu kienet distintiva ħafna, profonda u ta' qawwa, tant li kien imlaqqam 'Lablache,' għal wieħed kantant baxx Taljan bl-isem ta' Luigi Lablache ta' vuċi mill-aktar qawwija u sabiħa.[56] Issa nstabet ukoll ħolqa li tgħaqqad lil Toninu Camilleri ma' żewġ ismijiet oħra importanti fix-xena mużikali lokali. L-ewwel huwa l-Ġiżwita Padre Enrico Sciò S.J. li kif se naraw 'il quddiem ikkollabora ma' Camilleri fuq innu li għadu jindaqq sal-lum fil-festa titulari tan-

Nadur. Sciò kien għalliem tal-mużika fis-Seminarju t'Għawdex u mbagħad anke Ministru fl-istess Seminarju. Kien ħarreġ fil-mużika wkoll lil Mons. Ġużepp Farrugia ('tal-Vers') u kien mużiċista tajjeb,[57] kif ukoll kompożitur[58]. Mela kemm Farrugia u kemm Camilleri, minkejja li kien hemm differenza bejniethom fl-eta' għoxrin sena, it-tnejn li huma kienu għaddew minn taħt idejn Sciò u xorbu mill-istess għajn mużikali u kulturali. Farrugia kien tela' n-Nadur xi drabi jagħmel paniġierċi jew prietki oħra, bħal pereżempju l-paniġierku tal-festa ta' San Pietru u San Pawl tas-snin 1885 u 1905.[59]

Fis-sena 1897 meta kien għadu saċerdot novell insibuh idoqq l-orgni l-ġdid tan-Nadur li nħadem mill-kumpanija ta' Pacifico Inzoli fi Crema fl-Italja. Skont Karm Caruana, kien Pacifico Inzoli stess li meta żar in-Nadur għall-installazzjoni u l-inawgurazzjoni tal-orgni l-ġdid għallem lil Dun Anton kif jista' jikkombina flimkien ir-reġistri li fih, tant li meta jdoqqu bħal donnu kien ikun qed ibiddel l-istrumenti.[60] Bħal zijuh id-Dekan il-Kan. Anton Camilleri, il-Kan. Anton Camilleri (iż-żgħir) kien ukoll organista fil-Kolleġġjata tan-Nadur u dan l-irwol żgur li kompla jissaħħaħ meta d-Dekan miet fl-4 ta' Jannar 1903. Meta kien idoqq l-orgni, jgħidilna Caruana, 'kulħadd kien jibqa' mgħaxxaq b'dak il-kant.'[61] Fis-sena tal-Ġublew (*Anno Santo*) – 1925, l-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi kien mexxa pelleggrinaġġ li kien jikkonsisti f'madwar 200 Għawdxi lejn Ruma.[62] Jidher li miegħu kien hemm ukoll l-Arċipriet tan-Nadur il-Kan. Dun Anton Camilleri. Il-grupp waqt il-pellegrinaġġ kien żar ukoll Pompei u proprju hemmhekk Camilleri kien daqq l-orgni tas-Santwarju Bażilika tal-Madonna ta' Pompei *a quattro mani* flimkien mal-Mro Carlo Diacono. In-nies li kienu hemmhekk ħadu gost jisimgħuhom. It-tnejn kienu organisti tajba u kien ta' unur għalihom li jpoġġu jdejhom fuq dan l-orgni. Dan huwa tagħrif li wasal minn Dun Angelo Camilleri lill-Kan. Anton Borg, li mbagħad min-naħa tiegħu kien ħa ħsieb jiktbu biex jibqa' mfakkar.[63] Din kienet l-unika darba li nafu biha li Dun Anton kien siefer barra minn Malta.

Minbarra organista, Dun Anton kien ukoll kompożitur. B'xorti tajba fis-sena 2024 is-sidien tad-dar li fiha kien jgħix dan il-qassis-mużiċista sabu repertorju ta' mużika tiegħu li kienet ilha għexieren twal ta' snin ma tara d-dawl, aktarx mis-snin 1950ijiet. Fil-waqt li din il-kollezzjoni qed tiġi katalogizzata u studjata, kompożizzjonijiet iddatati tiegħu jmorru lura saħansitra sas-sena 1893 meta kien għad għandu biss 21 sena.[64] Fost ix-xogħolijiet tiegħu nsibu innijiet, antifoni, salmi, għosrien u quddies. Dawn jiżdiedu max-xogħolijiet li diġà konna nafu bihom, fost l-isbaħ insibu l-antifona *Gaudete in Cœlis* ta' San Koronatu u r-responsorji tal-Milied li jindaqqu waqt l-Uffiċċju tal-Qari qabel il-quddiesa ta' nofsillejl. Skont ma jikteb il-Kan. Anton Borg, li ġab l-informazzjoni minn ċertu Patri Klement, Camilleri kien kiteb 31 Tantum Ergo differenti li kien idoqqhom wieħed kuljum fix-xhur ta' Mejju u ta' Ottubru. Kellu wkoll numru ta' Litaniji differenti li kien idoqqhom fl-istess xhur.[65]

Kiteb il-mużika ta' żewġ innijiet oħrajn popolari li grazzi għal dak li kiteb il-Kan. Anton Borg minn informazzjoni li ġabar minn persuni li jiftakru dan iż-żmien, issa nistgħu nagħtu aktar tagħrif dwarhom għall-ewwel darba. Wieħed huwa *Inno ai SS. Apostoli Pietro e Paolo* jew aħjar *Divi*




*Ritratt tal-grupp li mar għall-pellegrinaġġ tal-Ġublew fl-1925 mal-Isqof Gonzi, fosthom l-Arċipriet Anton Camilleri*



*Dettall mir-ritratt tal-Ġublew 1925. L-aħħar ritratt tal-Arċipriet Camilleri li nafu bih, ftit xhur qabel miet.*

*Sovrani* li kkompona fiż-żmien li fih kien għadu student is-Seminarju u qabel ġie ordnat saċerdot allura qabel l-1895. Il-kliem inkiteb mill-Ġiżwita Padre Enrico Sciò S.J.[66]

L-innu l-ieħor li kkompona Camilleri huwa *Su Su Fratelli* bi kliem tal-Kjeriku Anton Sammut. Sammut twieled u tgħammed Birkirkara fit-13 t'April 1881 minn Franġisk u Maria Rosa nee Borg u l-laqam tal-familja kien 'tal-Mutros'. Ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru tal-1906. Huwa qatta' ħafna mill-ħidma pastorali tiegħu bħala saċerdot l-ewwel fit-Tuneżija u mbagħad l-Istati Uniti tal-Amerika. Miet fl-1934.[67] Billi għandna miktub li huwa kien kjeriku meta nkiteb dan l-innu, u nafu li huwa sar kjeriku nhar il-21 ta' Diċembru 1895,[68] nistgħu nikkonkludu li l-innu nkiteb x'imkien bejn l-1895 u l-1906 meta mbagħad huwa ġie ordnat saċerdot.

Ir-rabta ma' Birkirkara ma jidhirx li hija biss fl-awtur tal-kliem, imma hemm indikazzjoni wkoll li dan l-innu kienet daqqitu l-Banda Sant'Elena ta' Birkirara (li nafu li ġet iddoqq in-Nadur għall-ewwel darba fl-1926 – l-aħħar festa tal-Arċipriet Anton Camilleri),[69] għalkemm għandna ħjiel ukoll li dawn kienu jiġu kantati mit-tfal akkumpanjati mill-Baned ta' Bormla u tal-Birgu fis-snin ta' qabel jew wara.[70] Għandna wkoll tagħrif dwar dawk li kienu jkantaw dan l-innu fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

Dawn kienu Indrija Falzon (tax-Xirmi), Ġużepp Bajada(?) (iż-Żebbiegħ) (baxx), Indrija Camilleri (Faċċi)[71] (baritonu), (Buttigieg?) il-Bebla, (Toni Buttigieg?) in-Noni u xi oħrajn. Karmnu Cauchi (tal-Grott), Ġanni Falzon(?) (tal-Bej) u Patri Klement Portelli(?) O.P. kienu jkantaw il-vuċi puerili.[72] Minbarra dan huwa kkompona wkoll l-antifona tal-festa tal-Viżitazzjoni li ssir fil-knisja Arċipretali, Matriċi, Kolleġġjata Nsinji u Bażilika tal-Għarb.

Wieħed mill-misteri li għadhom ma' ġewx solvuti huwa dwar il-kompożizzjoni tal-Antifona lil San Pietru u San Pawl li tindaqq fil-festa fin-Nadur. Il-ftit evidenza li għandna tindika li Dun Anton kellu xi sehem fil-mod ta' kif din jew inkitbet, jew tal-inqas inġabet fin-Nadur. Fil-fatt, fl-arkivju tal-mużika tal-parroċċa tan-Nadur l-eqdem partitura tal-antifona hija kkuppjata minn Dun Anton Camilleri nnifsu nhar il-21 ta' Ġunju 1905 u jżid jikteb li din hija kompożizzjoni ta' Francesco Galea. Sal-lum it-tiftix dwar min kien Francesco Galea ma ħallietx frott. Il-Kalkara f'Malta għandhom antifona bl-istess kompożizzjoni li għandha l-kliem ad unur San Ġużepp u huwa miżmum li hija xogħol ta' Lorenzo Gonzi minħabba l-firma tiegħu fuq dan ix-xogħol. Fis-sena 1905 meta teżisti l-eqdem partitura tan-Nadur, Gonzi kellu biss 17-il sena, u meta wieħed iżomm li l-ewwel kompożizzjonijiet tiegħu kienu fis-sena 1908, tagħmilha improbabbli li hija tiegħu.[73] Li huwa kważi ċert minn dak li nafu huwa li din l-antifona daħlet fin-Nadur fl-1905 permezz ta' Dun Anton Camilleri.

Aspett ieħor importanti mill-ħajja mużikali u korali ta' Dun Anton kienet l-organizzazzjoni tiegħu tal-mużika u l-kant. Huwa kien waqqaf *Schola Cantorum* li kien fiha tfal u kbar, kollha mgħallmin minnu. B'din l-iSchola kien idur anke postijiet oħra f'Għawdex biex joffri s-servizzi waqt funzjonijiet liturġiċi. Waħda minn dawn l-okkażjonijiet kienet l-istedina li għamillu Patri Manwel Magri S.J. Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù t'Għawdex. Kienet l-ewwel sena tiegħu bħala rettur u stieden lil Dun Anton biex imur bl-i*Schola Cantorum* tiegħu imexxi l-mużika u l-kant fis-Seminarju fis-sena 1902. Dawn kantaw l-Għasar u l-Innu b'ċerta grazzja.[74]

Il-Milied jidher li kien mill-aktar għal qalb Dun Anton. Dan jiġi rifless anke fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Huwa kien iħarreġ lit-tfal fil-kant u l-vuċijiet ta' dawn kienet tkun ħlejja wisq. Kien itellagħhom fuq il-gallerija tal-orgni – uħud ikunu fil-kamra tal-manfaħ bil-bieb imbexxaq, oħrajn itellagħhhom fuq iċ-ċinta wara l-ħadid u oħrajn ħdejh. B'hekk kien joħloq kuntrasti differenti ta' tonalitajiet u volumi li kienu jpaxxu l-widna. Meta t-tfal jirrispondu lil xulxin bil-kant fil-*Gloria*, 'kont taħsibhom anġli jkantaw mexjin fuq l-Għar ta' Betlem.'[75]

Lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax fin-Nadur kienet twaqqfet banda bl-isem ta' 'Calypso'. Għalkemm id-dokumentazzjoni dwarha hija xotta ħafna, nafu li din ġie li daqqet u nafu wkoll min kienu xi membri tagħha. Iżda għall-fini ta' dan li qed niktbu hawn, insemmu l-irwol li kellu fiha Dun Anton Camilleri, saħansitra qabel kien ġie ordnat saċerdot. Skont Joe Debono, il-fundatur ta' din il-banda kien Camilleri nnifsu waqt li l-avukat Dr Giuseppe Bartolo kien il-President tagħha. Li nafu fiż-żgur huwa li kienu nfethu xi kawżi l-qorti dwar xi diżgwit li kien hemm fuq il-fondi u li waħda kienet saħansitra kontra Bartolo u Camilleri nfushom. Iżda l-banda Calypso ma tantx kellha ħajja twila.[76]


✝

IT-TIELET ARCIPRIET
TAL CNISIA INSIGNI COLLEGGIATA U MATRICI
TAL PRINCIPI TALL'APPOSTLI SAN PIETRU U SAN PAUL
TAN-NADUR TA GHAUDEX

IL CAN: DON ANTONIO CAMILLERI

MIFNI MIN MARDA MOHBIA
NHAR IT-TNEIN 18 TA OTTUBRU 1926 FL'ETA' TA 54SENA.
MWETTAK BIL HOBS TAL ANGLI
LI L'ISKOF STESS RESSAKLU
ITTAJJAR GHAL HDAN IL CREATUR DIVIN
BIEX JRCIEVI MINN GHANDU IL CURUNA TAL GLORIA.

R. I. P.

GHAL 31 SENA SACERDOT SCONT IL KALB T'ALLA
HABBRECK FIL MISSIONI—HABB IL CANT U IL MUZICA.
WARA IL PASSI TA GESU' MEXA U MEXXA GHAL 5 SNIN
B'GHAKAL TAL KADDISIN U HLEUUA TAS-SEMA
IL MERHLA MISTICA TA GESU' CRISTU F'PAJJSU
LI GHALIA PHALA RGHAJ TAJJEB HALLA HAITU U GIDU.

CHIEN ANGLU TAL PACI—ZJNA TAL CLERU
FERH TAL FAMILIA—HENA TAL FOKRA—SABAR TAL MORDA
GHAXKA TA CULLHAT
MIL POPLU COLLU LI BIEH JBKA JFTAHAR
ONURAT MAHBUB U MIXTIEK.

GESU' HANIN GHATIEH IL MISTRIEH TA DEJJEM.

*In-naħa ta' wara tas-santa tal-mewt tal-Arċipriet Anton Camilleri*

## It-tmiem ta' ħajja ta' fejda

Ir-rabta ta' Dun Ġorġ Preca mal-Arċipriet Anton kienet waħda tajba. Nafu li minbarra li kien prietka s-settena tad-Duluri fi żmien il-parrokat tiegħu, fis-sena 1926, Dun Ġorġ stess kellu stedina mill-Arċipriet Camilleri aktarx meta kien qiegħed in-Nadur bejn April u Mejju sabiex jagħmel it-Tridu tal-*Corpus Domini* fin-Nadur. Ftit wara, Dun Ġorġ stess kien kiteb lil oħt l-Arċipriet Angela u qalilha biex tgħarraf lill-Arċipriet li kien qed jaċċetta l-istedina li saritlu sabiex jagħmel dan.[77]

Darba waħda, u dan huwa dokumentat minnu nnifsu, Dun Ġorġ Preca, li meta kien imur in-Nadur kien joqgħod għand l-Arċipriet Anton u Rakela, kien għaddej mill-Pjazzetta ta' wara l-knisja. Huwa jilmaħ żagħżugħ li beda jsejjaħlu. Iż-żagħżugħ waqaf, ħares lejh u qallu: "Kif ma tafnix?" Imbagħad iż-żagħżugħ ħareġ važett u waqt li wrieh lil Dun Ġorġ qallu: "Ara, dan il-važett hu mimli kollu mrar, u hawn persuna li se nisqihulha kollu." U f'dak il-waqt iż-żagħżugħ ma deherx aktar.[78]

Dun Ġorġ stess interpreta dik bħala dehra u li dak iż-żagħżugħ ma kien ħadd ħlief Ġesù. Il-važett tal-imrar tabilħaqq kien tbattal għand il-familja Camilleri għax fis-sena 1926 din il-familja ġarrbet telfiet kbar.

Maria, omm l-Arċipriet Anton kellha d-dieqa li tara ż-żewġ qassisin uliedha jmutu qabilha. Iż-żgħir, il-Kan. Kantur Karm Camilleri miet fl-età żgħażugħa ta' 31 sena fil-31 ta' Marzu 1926.[79] L-Arċipriet, li kien marid bid-*diabetes mellitus* beda joqrob ukoll lejn tmiemu. L-aħħar magħmudija tiegħu kienet fit-2 t'Ottubru 1926. Il-marda taz-zokkor kienet gravat sew u f'għonqu tfaċċat ferita li minħabba din il-kundizzjoni kienet gravi.[80] Ottubru kien ix-xahar li fih saħħet l-Arċipriet baqgħet sejra lura sakem miet id-dar fit-18 t'Ottubru tal-istess sena. Il-kan. Dun Ġużepp Gatt kien għamillu l-Griżma tal-Morda u kien assistit fl-aħħar mumenti tiegħu minn ommu stess u l-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi. Il-funeral sarlu nhar l-20 t'Ottubru fil-Kolleġġjata tan-Nadur. Għall-funeral kien ħa sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb u l-omelija funebri kienet saret minn Mons. Alfons Maria Hili, Arċipriet u Kappillan tal-Belt Victoria.[81] Huwa kellu 54 sena u kien ilu jmexxi l-parroċċa tan-Nadur għal ftit aktar minn erba' snin u ġie midfun fil-qabar numru 26 fil-Kolleġġjata tan-Nadur.[82] Aktar tard il-fdalijiet tiegħu ġew trasferiti fil-kripta tas-saċerdoti taħt il-kor tal-Bażilika.[83] Maria, omm l-Arċipriet mietet ftit wara nhar is-26 ta' Diċembru tal-istess sena.[84]

Fin-Nadur għad fadal persuna waħda biss ħajja li kellha x-xorti li messet u ltaqgħet mal-Arċipriet il-Kan. Anton Camilleri. Din hija Ġużeppa Camilleri, imwielda Vella nhar l-1 ta' Settembru 1926 u li għammidha l-Arċipriet innifsu nhar it-2 ta' Settembru 1926 madwar sitt ġimgħat biss qabel ma miet.

Minkejja li ntemmet qasir il-għomor u wara parrokat qasir ta' madwar erba' snin, il-ħajja ta' Dun Anton kienet waħda mimlija, li għamlet differenza f'diversi oqsma li magħhom huwa mess u ħadem. Il-parroċċa b'rikonoxximent ħasbet sabiex tikkummissjona pittura tiegħu li saret fis-sena 1984 minn Paolo Camilleri Cauchi u ġiet imħallsa mill-pro-neputi tiegħu il-Kan. (illum Mons.) Dun Ġużepp Grech u tinsab fis-sagristija tat-Tramuntana.[85]

Nispiċċa b'dak li nkiteb fuq is-santa tal-mewt tiegħu: 'KIEN ANĠLU TAL-PAĊI – ŻINA TAL-KLERU – FERĦ TAL-FAMILJA – HENA TAL-FOQRA – SABAR TAL-MORDA – GĦAXQA TA' KULĦADD • MILL-POPLU KOLLU LI BIH JIBQA' JIFTAĦAR • ONORAT, MAĦBUB U MIXTIEQ.'

**Endnotes**

1 Arkivju Parrokkjali Nadur [APN], *Liber Baptizatorum*, Vol. VII, no. 2116, f.347.
2 Bonnici (1988), 344.
3 National Archives – Gozo [NAG], SS/21/1, Admission Register – Boys (28 March 1865 – 4 Nov. 1887).
4 APN, *Status Animarum* (1894+), no. 707.
5 Ibid., no. 1745.
6 APN, *Liber Confirmatorum*, Vol. II (1855-1918), (04/05/1879) – mhux paġinat.
Alexander Bonnici jikteb li l-parrinu tiegħu kien: 'Dun Salv Vella: il-qassis li, għal tant snin, mexxa l-iskola primarja tas-subien fin-Nadur.' Ir-reġistru tal-Konfermazzjoni jgħid biss li l-parrinu kien is-Saċerdot Salv Vella. F'dan iż-żmien kien hemm żewġ saċerdoti fin-Nadur bl-istess isem ta' Dun Salv Vella, wieħed li kien is-Surmast tal-Iskola Primarja tas-Subien fin-Nadur u l-ieħor li kien qed imexxi l-parroċċa tan-Nadur bħala Vigarju-Kurat f'dan iż-żmien waqt li l-kappillan Dun Ġwann Battista Grech kien sospiż mill-ministeru tiegħu. Ma nafux liema minn dawn it-tnejn kien il-parrinu tiegħu. It-tnejn li huma aktar tard saru Kononċi-Onorarji tal-Katidral ta' Għawdex.
Bonnici (1988), 344.
7 Ibid., 89.
8 NAG, SS/21/1.
9 George Cassar, *L-Edukazzjoni Pubblika f'Malta Kolonja: 1800-1964*, (Kite Group, Malta, 2022), 177.
10 Ibid., 38-48.
11 Keenan faħħar ħafna lis-Surmast tan-Nadur Dun Salv Vella.
Patrick Joseph Keenan, *Report Upon the Educational System of Malta* (London, G.E. Eyre and W. Spottiswood, 1880), 35.
12 Bonnici (1988), 99-110.
13 Michael Refalo, *At The Margins: Children, Petty Criminals, Suicides and Others in 19th Century Malta and Beyond*, (Kite, Malta, 2023), 122.
14 Bonnici (1988),122-123.
15 Duminku Camilleri, *Il-Kolleġġjata Nsinji tan-Nadur: 100 Sena ta' Storja*, (Nadur,1995), 69.
16 Ibid.
17 Bonnici (1988), 131.
18 Ibid.,137.
19 Ibid., 136.
20 Ibid., 149.
21 Camilleri (1995), 167.
22 Bonnici (1988), 345.
23 *Id-Devot ta' Marija*, Jannar 1896, 28. Ara Camilleri (1995), 70.
24 Karm Caruana, *In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali*, (Malta, 1952), 154.
25 Bonnici (1988), 346.
26 Ibid., 163-164.
27 Ibid., 224.
28 Ibid., 207-209
29 APN, *Lill-Maħbub Arċipriet tagħna Canco Cant. Dun Antonio Camilleri*, (1922), 2.
30 Bonnici (1988), 239-247.
31 APN, *Liber Mortuorum*, Vol. V (1918-1967), 67-68.
32 Bonnici (1988), 248-249.
33 Ibid., 346-347.
34 Ibid., 347, 349.
35 Ibid., 348-351.
36 Ibid., 355.
37 APN, 'Relazione Sulle Condizioni della Parrocchia del Nadur Per l'Anno 1922', f'*Relazione Sulle Condizioni della Parrocchia*, Vol. I (1907-1940), VII, 1, 209.
38 Alexander Bonnici, *Dun Ġorġ Preca fid-Dawl tal-Ittri Tiegħu,'* (Reliġjon u Ħajja, Malta 1977), 87.
39 APN, 'Relazione Sulle Condizioni della Parrocchia del Nadur Per l'Anno 1945', f'*Relazione Sulle Condizioni della Parrocchia*, Vol. II (1940-2008), VI, 1, 84.
40 Bonnici (1988), 358.
41 Ibid., 359.
42 Ibid., 358.
43 Ibid., 354.
44 Ibid., 357
45 Ibid., 361,362
46 Ibid., 362.
47 Ibid., 364.

Waqt li Bonnici jidher li qagħad fuq dak li ġie diskuss fil-laqgħa tal-kapitlu, jiġifieri li jkun hemm dan il-pjan li tiġi l-Banda tal-Pulizija, jidher li huwa ma kienx jaf li dan fil-fatt ma kienx seħħ minħabba l-maltemp li kien inqala. Dan joħroġ mill-kotba tal-*Veneranda Lampada*.
48 APN, *Ven. Lamp. C. Nadur - Ħruġ Festi* (1924-1926), 17-18.
49 Bonnici (1988), 303-309
50 Ibid.,358
51 Ibid., 351.
52 Ibid., 351-353
53 Ibid., 98.
54 Robert Mifsud Bonnici kwotat f'Caruana (1952), 154.
55 Grazio A. Grech, '95 Sena mill-Mewt tal-Mużiċista Antonio Calleja,' f'*L-Għid tal-Assunta*, nru 31 (Parroċċa Katidrali – Għawdex, Awwissu 1996), 65-67.
56 Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, (PIN, Malta, 2000), 80,88.
57 Stephen Attard, *Monsignor Giuseppe Farrugia: His Life and Achievements*, editjat minn Maria Frendo, (Midsea Books/Fondazzjoni Belt Victoria, Malta, 2025), 27.
58 Joseph Vella, 'Outside Influences on Musical Life in Gozo,' f'*The Gozo Observer*, Ottubru 1999, (University of Malta, Gozo, 1999), 9.
59 Attard (2025), 103-104.
60 Caruana (1952), 155.
61 Ibid., 155.
62 Sergio Grech, 'Archbishop Michael Gonzi's Gozo Episcopate,' f'*The Gozo Observer*, nru 47, (University of Malta, 2023), 14.
63 APN, Anton Borg, *Mixxellanja*, Pitazz nru I, 11.
Minkejja dan, ma rnexxilix insib l-applikazzjoni tal-passaport tiegħu mis-sit tal-Arkivju Nazzjonali ta' Malta biex ikun jista' jsiefer.
64 Antoine Theuma, 'Sejba ta' Kompożizzjonijiet tal-Arċipriet Dun Anton Camilleri,' f'*Luminaria*, nru 139, (Parroċċa San Pietru u San Pawl-in-Nadur, Ġunju 2024), 72-73.
65 APN, Borg op. cit., 11.
66 Ibid., 12.
67 *Noti ta' Vince Borg*, Birkirkara, 123, nru 230, 172.
68 Arkivju tal-Arċidjoċesi ta' Malta [AAM] Floriana, *Registrum Ordinationis* (1889-1902), 82.
69 APN, Borg, op.cit., 11-14.
70 Caruana (1952), 154.
Id-data tal-1898 għall-innu *Divi Sovrani* u l-1902 li jniżżel Dumink Camilleri ma taqbilx mal-informazzjoni dokumentata li nstabet. Se nżomm ma' dak li nstab, speċjalment għaliex tagħmel aktar sens li la kitbu Patri Ġiżwita, san sar fiż-żmien meta Anton Camilleri kien għadu student is-Seminarju meta dan kien għadu mmexxi mill-Ġiżwiti. Dwar id-data tal-Innu *Su Su Fratelli* (1902) ma hemmx tagħrif dwar is-sorsi oriġinali minn fejn inġabet iżda taqbel ma' dak li ġabar Anton Borg, jiġifieri li nkiteb wara l-sar saċerdot. Camilleri (1995), 70.
71 Dwar Indrija Camilleri u l-laqam personali li kellu (Faċċi) ara Kenneth Grima, 'Baħrin Nadurin li Avvanzaw fl-Istudji Tagħhom Fil-Qasam Marittimu),' f'*Luminaria*, nru 136, (Parroċċa San Pietru u San Pawl-in-Nadur, Ġunju 2024), 48.
72 APN, Borg, op.cit., 11-14.
73 'Duncan Brincat, 'Fl-Okkażjoni ta' Għeluq il-115 sena mit-Twelid ta' Mro. Lorenzo Gonzi: Ftit Noti Qosra Dwar Ħajtu u Ħidmietu,' https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/65268/1/Mro.%20Lorenzo%20 Gonzi.pdf (04/02/2026)
74 *Messaggiere di Maria*, Diċembru 1902, 186, kwotat f'Camilleri (1995), 70.
75 Caruana (1952), 154-155.
76 Grazio A. Grech, *L-Imnarja: Banda u Festa*, (Għawdex 2022), 29-31.
77 Alexander Bonnici, *Dun Ġorġ Preca (1880-1962): Ħajja-Xhieda-Dokumenti*, Vol. III, (Soċjetà tad-Duttrina Nisranija/MUSEUM, Malta 1989), 42.
78 Ibid., 220.
79 APN, *Liber Mortuorum*, Vol. V (1918-1967), 133.
80 Bonnici (1988), 370.
81 Ibid.
82 APN, *Liber Mortuorum*, Vol. V (1918-1967), 139.
83 Camilleri (1995), 69.
84 APN, *Liber Mortuorum*, Vol. V (1918-1967), 141.
85 Camilleri (1995), 69.
86 Referenzi:
Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, vol.II, (Reliġjon u Ħajja, Malta 1988), 159.


Dñi millesimo nongentesimo vigesimo sexto (192
octava (18) Octobris.
Adm. Revdus. Dñus. Antonius Camilleri Arch
et Rector hujus s. Ins. Coll: et Parlis Eccl. ss. Ap
Petri et Pauli, hora decima p.m. e vita p
migravit.
Augusti 1872 natus e Francisco Camilleri et Ma
dign. jug. anno 1895 ad sacerdotalem dignitate
eodemque anno canonicus Cantor hujus s. Ins. Coll.
atus, prebendam Archipresbiteralem paroeciae huj
anno 1922, et per annos quatuor mensesque fere
m rexit. Morbo correptus et quam brevissime
atus hodie Adm. Revdo Canco D. Josepho Gatt
ac immediate Ssmo Viatico, presente Epo Dioec
trema Unctione roboratus, quinque circum
dotibus emisit spiritum. Illius corpus die
ientibus Canonicis Offici di Garbo, collegio Par
isque numero sacerdotum insulae, magna
pa funerum translatum fuit ad hanc Ins.
Dem Eccl. Demum Archipr. et Parr. Garben
n solemnem exequialem celebravit, quo exp
ñus et Revmus Can
Capit. Archipr. Alph
funebri decorav
est in supradicta
ss. Apum P. et P
A° 26.